# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 008

**It-Tnejn, 7 ta' Ottubru, 2019**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia (JF) | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Doriana Portelli (DP) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Maria Mifsud ( MM) | Kunsillier |
| Is-Sur Carlo Stivala ( CS) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| | |
| Membri tal- Pubbliku: | (3) |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**
Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sur Duncan Hall – Deputat Segretarju Ezekuttiv

Is-Sur Joseph Farrugia, Sindku, ppresjeda

## Minuti

## 8.1 Qari ta' ittri ta' apologiji;

8.1.1 Ma kienx hemm

## 8.2. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

8.1.2 Il-Minuti tas-seduta numru 7 tat-tmien legislatura kienu gew imqassma lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

8.1.3 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Josette Busttil ssekondata mis-Sa. Maria Mifsud, il-minuti ġew approvati b'seba voti favur u astensjoni wahda..

8.1.4 Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

## 8.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

8.3.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi wara korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, kien ser ikun qieghed jaghmel emendi fir-responsabilitajiet li kull kunsillier kellu. Wara is-Sindku ghadda sabiex jaghti dettalji tal-emendi li kien qieghed jaghmel b'effett immedjat.

F'dan l-istadju is-Sindku ghadda mozzjoni skont artiklu 6 (a) tas-sitt skeda tal-Att dwar il-Gvern Lokali bil-ghan illi tinbidel l-ordni tas-seduta u jigi diksuss item 8.16. Is-Sur Alexander Caruana ssekonda l-proposta tas-Sindku li ghaddiet b'votazzjoni unanima

## 8.16 Amministrazzjoni

8.16.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezent b'nuqqasijiet li kien innota fl-amminsitrazzjoni tal-Kunsill Lokali b'mod partikolari nuqqas ta' rizorsi umani u demien fl-ezekuzzjoni ta' certu xoghol. Dan minbarra illi l-Kunsill Lokali kien ilu numru ta' xhur minghajr Segretarju Ezekuttiv full-time liema materja kellha piz fuq l-operat tal-Kunsill Lokali.

Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi kellha terga tinhareg sejha mill-gdid ghal impjieg ta' Segretarju Ezekuttiv. Il-Bord tal-interviews marbut mal-istess sejha kellu jkun kompost mis-Sinjuri Joseph Farrrugia, Scott Camilleri, Josette Busuttil, Joseph Baldacchino u Stanley Zammit. Filwaqt li s-Sur Joseph Farrugia kellu jkollu r-rwol ta' chairperson, inhatar id-Deputat Segretarju Ezekuttiv bhala membru ex-ufficio.

Gie diskuss ukoll l-operat tal-iskrivan li l-Kunsill Lokali kien ghadu kemm ingaggja. Wara li gew innotati numru ta' nuqqasijiet, kien hemm decizjoni unanima illi l-Kunsill Lokali irraprezentat mid-Deputat Segretarju Ezekutiv kellu jigbed l-attenzjoni dwar in-nuqqasijiet u jwiddeb lill-impjegat sabiex tali nuqqasijiet ma jibqghux isehhu.

Is-Sur Stanley Zammit qal illi fl-opinjoni tieghu, u bil-ghan illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali izzid fl-efficjenza, minbarra Segretarju Ezekuttiv full-time, kien hemm il-htiega illi tigi ingaggjata persuna ohra fil-grad ta' skrivan fi skala 15. Wara diskussjoni libera, is-Sur Scott Camilleri ssekonda l-proposta tas-sur Zammit li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-membri prezenti.

Is-Sindku sahaq illi bil-ghan illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tkun efficjenti, fl-opinjoni tieghu, kien jinhtieg illi jigi modifikat l-ispazju fil-binja amministrattiva li l-istess amministrrazzjoni kienet tokkupa. Filwaqt li kien hemm qbil mal-proposta tas-Sindku, gie deciz illi kellha tinholoq task force komposta mis-Sinjuri Alexander Caruana, Scott Camilleri, Stanley Zammit, Joseph Farrugia u Joseph Baldacchino, liema task force kellha tressaq quddiem il-Kunsill Lokali proposta bl-emendi fil-binja ammnistrattiva.

## 8.4Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

8.4.1 Is-Sur Scott Camilleri staqsa dwar zviluppi li seta' kien hemm b'konnessjoni ma' installazzjoni ta' bollards fi Triq Ghar Dalam.
Is-Sindku meghjun mill-Kunsillier Alexander Caruana aggorna lill-Kunsill Lokali dwar il-materja

8.4.2 Is-Sur Scott Camilleri staqsa lis-Sindku jekk kienx wasal condition report dwar Triq l-Imnarja.
Is-Sindku informa lis-Sur Camilleri illi kien sar kuntatt mal-perit tal-Kunsill Lokali u r-rapport kien ser jasal f'qasir zmien.

8.4.3 Is-Sur Scott Camilleri staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi rigward decizjoni li tinqala lampa minn ma residenza private u titwahhal ma' arblu.
Is-Sindku informa lill-Kunsillier Camilleri illi kienet inharget ordni ghax-xogholijiet lill-kuntrattur tal-Kunsill Lokali

8.4.4 Is-Sa. Josette Busuttil staqsiet jekk kienx hemm xi pjanijiet illi jsiru xogholijiet ta' rigenerazzjoni taz-zona ta' Ghar Hasan
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi ma kien hemm ebda zviluppi konkreti dwar il-materja.

8.4.5 Is-Sa. Josette Busuttil staqsiet lis-Sindku dwar lampa fi Triq il-Fossili.
Is-Sindku inkariga lill-Kunsillier Stanley Zammit jiehu hsieb il-materja.

8.4.6 Is-Sa. Josette Busuttil staqsiet lis-Sindku s-sitwazzjoni dwar bus shelters fil-lokalita'.
Is-Sindku meghjun mis-Sur Alexander Caruana aggornaw lill-Kunsill Lokali dwar il-materja.

8.4.7 Is-Sa. Josette Busuttil staqsiet lis-Sindku dwar bus shelter fiz-zona tal-qajjenza ( Triq il-Kampanjol)
Is-Sindku aggorna lill-Kunsill Lokali dwar il-materja

8.4.8 Is-Sa. Josette Busuttil staqsiet dwar is-sitwazzjoni tat-trasport pubbliku fi Triq tal-Gebel.

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali dwar x'kien sehh dwar il-materja.

8.4.9 Is-Sur Alex Caruana staqsa lis-Sindku dwar eventwali zviluppi li seta' kien hemm b'konnessjoni ma' installazzjoni ta' fanali fi Triq P.P. Saydon.
Is-Sindku meghjun mill-Kunsillier Stanley Zammit aggorna lill-Kunsill Lokali dwar il-materja.

8.4.10 Is-Sur Alexander Caruan staqsa lill-Kunsill Lokali jekk kienx opportun illi tintbaghat ittra dwar iz-zona tal-Qajjenza b'mod partikolari dwar il-licenzji tal-ispizeriji fiz-zona.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kemm il-darba ma jkunx hemm oggezzjonijiet mill-Kunsilliera kienet ser tkun qieghda tintbaghat ittra dwar il-materja lill-Ministru responsabbli mis-sahha.

8.4.11 Is-Sur Alexander Caruana staqsa jekk kienx ser jitnehha riklam minghajr awtorizzazzojni li kien twahhal fi Triq Ghar Dalam.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-imsemmi riklam kien ser ikun qieghed jitnehha fl-immedjat

8.4.12 Is-Sur Alexander Caruana staqsa lis-Sindk jekk setghetx issir talba biex il-Kunsill Lokali jinghata l-pjanti ta' progett li l-Ministeru ghat-turizmu kien qieghed jippjana li jimplimenta fi Triq San Patrizju.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienet ser tkun qieghda ssir talba formali dwar il-materja.

8.4.13 Is-Sur Alexander Caruana staqsa lis-Sindku jekk kienux ser isiru marki tat-toroq fiz-zona ta' Benghisa.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-imsemmi xoghol kien ser ikun qieghed isir permezz ta' haddiema assenjati mal-Kunsill Lokali mill-iskema RSSL.

8.4.14 Is-Sa. Maria Mifsud infurmat lill-Kunsill Lokali illi kemm il-darba ma jkunx hemm oggezzjoni, vann ta' Waste Serv Malta Ltd. kien ser ikun qieghed izur il-lokalita' bil-ghan illi jehggeg lir-residenti jirriciklaw.
Is-Sindku informa lis-Sa. Mifsud illi setghet tipprocedi bl-arrangamenti logistici tal-materja bil-Kunsill Lokali jiddeciedi illi l-istess van kellu jsorgi biswit il-knisja parrokkjali.

8.4.15 Is-Sa. Maria Mifsud infurmat lis-Sindku illi xtaqet tigbor stimi ghal litter bins godda fiz-zoni ta' Ghar Hasan, Qajjenza, San Lucjan u Wied ix-Xoqqa.
Is-Sindku informa lis-Sa. Mifsud illi setghet tipprocedi bl-arrangamenti logistici tal-materja.

8.4.16 Is-Sa. Maria Mifsud talbet lill-Kunsill Lokali aggornament dwar il-kuntratt taz-zamma u manutenzjoni ta' gonna u soft areas.
Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti l-process biex jigi ffirmat kuntratt gdid kien wasal biex jigi ffinalizzat.

8.4.17 Is-Sa. Maria Mifsud staqsiet jekk kienx hemm zviluppi dwar kanal ghall-ilma tax-xita li kellu jsir fi *Pretty Bay*.
Is-Sindku meghjun mill-Kunsilier Alexander Caruana informa lill-Kunsilliera Mifsud bl-izviluppi li kien hemm dwar il-materja.

8.4.18 Il-Kunsillier Carlo Stivala staqsa jekk setax jinghata kopja tal-kuntratt taz-zona ta' fuq il-pitch tal-waterpolo.
Is-Sindku infurmah illi kien ser ikun qieghed jakkwista kopja tal-kuntratt u jghaddihielu.

8.4.19 Is-Sur Carlo Stivala staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi dwar moll biswit il-facilitajiet tal-Enemalta.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali bl-izviluppi li kien hemm dwar il-materja.

8.4.20 Is-Sur Carlo Stivala staqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill Lokali kellux l-intenzjoni li jibqa' jiehu hsieb pitch tar-ramel li kien hemm fil-bajja s-Sabiha.
Wara konsultazzjoni mal-Kunsilliera, is-Sindku kkonferma li l-istess pitch kien ser jibqa' f'idejn il-Kunsill Lokali.

8.4.21 Is-Sur Carlo Stivala staqsa jekk setghetx tintalab ankra minn dawk li kien hemm biswit il-fortizza ta' San Lucjan bil-ghan illi titpogga f'post pubbliku fil-lokalita'.
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi ma kellu ebda problema biex jaghmel it-talba skont dak li kien semma l-kunsillier Stivala.

8.4.22 Is-Sa. Doriana Portelli qalet illi kella mistoqsija rigward Wied il-Buni illi kienet diga giet imwiegba

8.4.23 Is-Sa. Doriana Portelli staqsiet jekk kienx sar jew kienx hemm il-pjan li jsir Environmental Impact Assessment rigward il-problema ta' drenagg fiz-zona ta' San Gorg
Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien ser ikun qieghed jiccekkja jekk tali informazzjoni kenitx disponibbli.

8.4.24 Is-Sa. Doriana Portelli staqsiet dwar il-problema ta' ilma tal-bahar fiz-zona ta' Triq San Gorg.
Is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Alexander Caruana infurmaw lill-Kunsill Lokali r-ragunijiet ghall-gharghar.

8.4.25 Is-Sa. Doriana Portelli ghamlet mistoqsija rigward sewqan ta' roti b'mod abuziv
Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi l-materja kienet ser tkun qieghda tigi diskussa l-aktar tard waqt l-istess seduta.

**Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

Is-Seduta giet fi tmiemha fit-8:30 p.m. wara minghajr ma giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru 2019 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum 25 ta' Novembru, 2019.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ________________ | ________________ |
| Joseph Farrugia | Duncan Hall |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |